MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 68/2012

**A B**
**f'isimha propju u ghan-nom tal-minuri C B**
**u dan permezz tad-digriet datat 29 ta' Jannar 2013**

**vs**
**D E u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti**
**Preambolu**
Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A Xuerrebipprezentat fit-30 ta' Marzu 2012 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-attrici u l-konvenut D E m'humiex mizzewga;

2. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom u frott ta' din ir-relazzjoni twieldet fit-12 ta' Awwissu, 2005 tarbija bl-isem C, liema tarbija hija registrata bhala wild missier mhux maghruf;

3. Illi l-konvenut, minkejja li gie nterpellat diversi drabi, qed jirrifjuta li jirrikonoxxi lit-tarbija u konsegwentement m'huwiex qed jissoministra manteniment skont il-ligi;

Talbet:
1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut konvenut D E huwa missier naturali tal-minuri C li twieldet fit-12 ta' Awwissu 2005;

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-Twelid tal-minuir C billi fil-kolonni fejn hemm indikati il-konnottati relattivi ghal missier il-minuri tinkludi d-dettalji tal-konvenut D E;

3. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri C f'idejn l-esponenti ommha;

4. Tordna li l-missier konvenut jigi ordnat jissoministra dik ir-retta alimentari stabbilita minn din l-Onor Qorti, liema manteniment ghandu jigi versat skont it-termini stabbiliti mill-Qorti;

5. Tordna li l-missier konvenut jigi ordnat ihallas lill-attrici esponenti, l-arretrati ta' manteiment minnu dovut ghall-minuri C u dan b'effett mid-data tat-twelid taghha 'l quddiem;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici u l-elenku tad dokumenti tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentat tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fit-23 ta' April, 2012 li permezz taghha issottometta s-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok huwa indispensabbli ghall-integrita' tal-gudizzju li tigi msejha fil-kawza l- minuri C B u li ghandha tkun debitament rapprezentata minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti;

2. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir- rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel t-talba attrici l-esponenti jinvita lill- konvenut D E sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identita', (3) l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri C B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla C B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita C B;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri C B a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' MAlta;

6. Illi fl-ahhar tlett talbiet l-esponent mhux legittimu kontradittur;

7. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur konvenut;

Rat li fl-uddjenza tal- 21 ta' Gunju 2012 il-partijiet iddikjaraw illi huma jixtiequ li l-minuri tkun iggib il-kunjom "E B"

Rat id-dokumenti prezentati u semghet ix-xhieda viva voce;

Rat id-digriet fl-udjenza tad-29 ta' Jannar 2013 fejn ikkonfermat lill-attrici kuratrici *ad litem* tal-minuri C B;

Rat l-atti kollha inkluzi l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA li jiccertifika illi l-konvenut huwa effettivament missier il-minuri C B;

Rat in-nota konguntiva tal-kontendenti pprezentata fis-7 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha pprezentaw kopja tal-iskrittura ta' bejniethom fejn ittransigew il-mertu tat-tielet, ir-raba’ u l-hames talba attrici u talbu li l-ftehim ta’ bejniethom jigi nkorporat fis-sentenza finali;

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2013 l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti (1) dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla C B li twieldet fit-12 ta' Awwissu 2005 u li fil-att tat-twelid taghha bin-numru 2661/2005 giet registrata bhala wild missier mhux maghruf, hija fil-fatt bint l-konvenut D E, u (2) li jigi deciz l-awtorita’ ta’ genitur kif ukoll drittijiet u obbligi tal-partijiet fir-rigward tal-minuri.

**Provi**

Jirrizulta mill-provi illi il-kontendenti kienu f'relazzjoni intima u hames xhur wara li spiccat din ir-relazzjoni, l-

attrici intebhet li kienet tqila. Peress li meta twieldet it-tarbija l-attrici kienet qieghda f'relazzjoni ma' ragel iehor, ma setghatx teskludi kompletament il-fatt li dan ir-ragel ma kienx missier it-tarbija, kienu saru t-testijiet xjentifici u rrizulta li din il-persuna ma kienx missier it-tarbija u ghaldaqstant it-tarbija giet registrata b'*unknown father'.*

Meta t-tarbija kellha hames snin l-konvenut D E ikkuntatja lill-attrici fejn qalilha li xtaq ikun jaf jekk C kinitx bintu. Wara li gie mitlub jhallas l-arretrati tal-manteniment l-konvenut sparixxa u ma baqax jipprova jaghmel kuntatt mall-attrici.

Fl-affidavit taghha l-attrici spjegat illi "Meta twieldet C, jien kont ta' sikwit navvicina lil D sabiex jigi jara lit-tifla u jibni relazzjoni maghha, izda huwa kien dejjem jivvinta xi skuza biex ma jigix. F'Ottubru tas-sena 2011, D cempilli sabiex joffri l-ammont ta' €100 fix-xahar bhala manteniment ghat-tifla, pero' ftit taz-zmien wara kien rega' darlu l-hsieb u waqqa' kellmtu. D qatt ma hareg ebda flus u qatt ma kkontribwixxa xejn ghat-trobbija ta' C, u jien kelli niehu hsieb il-bzonnijiet kollha taghha u nrabbiha kompletament wahdi. Prezentament, it-tifla C qed tara lil missierha D darbtejn fil-gimgha matul is-Sajf u darba fil-weekend matul ix-Xitwa".

Bil-ftehim bil-miktub taghhom il-partijiet ftehmu dwar it-tielet, ir-raba', u l-hames talba attrici. Ghalhekk dawn it-tlett talbiet ser jigu decizi fit-termini tal-ftehim milhuq mill-partijiet.

Jonqos ghalhekk li jigu trattati u decizi l-ewwel u t-tieni talba attrici.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA ma jhallu l-ebda ombra ta' dubju li l-konvenut D E huwa missier il-minuri C B.

Ghaldaqstant l-ewwel u t-tieni talbiet attrici jisthoqqu li jigu akkolti.

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2013, l l-attrici u l-konvenut talbu li tinghata sentenza li fiha jigi inkorporat il-ftehim milhuq bejn il-partijiet

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur bil-mod segwenti:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut D E huwa il-missier naturali tal-minuri C li twieldet fit-12 ta' Awwissu 2005;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-Twelid tal-minuri C billi fil-kolonni fejn hemm indikati il-konnottati relattivi ghal missier il-minuri jigu kancellati l-kliem "missier mhux maghruf" u minflok jigu nkluzi l-konnotati kollha tal-konvenut D E;

3. Tilqa' t-tielet talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri C f'idejn ommha;

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li l-missier konvenut ihallas lill-attrici A B manteniment ghall-minuri s-somma ta' mitjen u ghoxrin ewro (€220) fix-xahar, pagabbli kull xahar bil-quddiem u dan jinkludi l-ispejjez ta' edukazzjoni, medici u t'attivitajiet extra kurrikulari. Dan il-manteniment ghandu jizdied kull sena skont l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas sakemm il-minuri taghlaq tmintax-il sena jew tibda tahdem bi qligh f'impieg *full-time* liema minnhom tigi l-ewwel, jew jekk t-tifla tibqa' tistudja sa massimu ta' l-eta' ta' 23 sena;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici stante li skont il-ftheim iffirmat tal-partijiet ezebiet f'dawn l-atti l-arretrati thallsu fil-mori tal-kawza.

6. Tiddikjara illi l-ftehim iffirmat bejn il-partjiet u li jinsab ezebit a fol. 80 et seq tal-process gie approvat mill-Qorti fl-intier tieghu b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2013 u tiddikjara

li t-termini hemm stipulati jaghmlu parti integrali ta' din is-sentenza.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet ai termini tal-ftheim milhuq mill-istess partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------